

Emenda 3

Matt Carthy, Lynn Boylan, Martina Anderson, Liadh Ní Riada, Jiří Maštálka, Kateřina Konečná, Sofia Sakorafa, Merja Kyllönen, Barbara Spinelli, Miguel Viegas, Patrick Le Hyaric, Paloma López Bermejo, Marisa Matias
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0424/2018

Gabriel Mato

Rapport Annwali 2017 tal-Bank Ċentrali Ewropew
(2018/2101(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

L. billi hemm bżonn ta' suq sekondarju mtejjeb għall-NPLs bil-għan li tittejjeb il-likwidità tas-suq fil-livell Ewropew u tiġi evitata opaċità fis-suq possibbli;

Emenda

L. billi hemm bżonn ta' suq sekondarju mtejjeb għall-NPLs bil-għan li tittejjeb il-likwidità tas-suq fil-livell Ewropew u tiġi evitata opaċità fis-suq possibbli; ***billi l-istituzzjonijiet finanzjarji attivi fis-suq sekondarju jridu jkunu obbligati jqisu l-interessi tal-konsumaturi u jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha rilevanti nazzjonali u tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumatur;***

Or. en

Emenda 4

Matt Carthy, Lynn Boylan, Martina Anderson, Liadh Ní Riada, Jiří Maštálka, Kateřina Konečná, Sofia Sakorafa, Merja Kyllönen, Miguel Viegas, Patrick Le Hyaric, Paloma López Bermejo, Marisa Matias

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Philippe Lamberts

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

Gabriel Mato

Rapport Annwali 2017 tal-Bank Ċentrali Ewropew
(2018/2101(INI))

A8-0424/2018

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7. Itenni li l-indipendenza tal-BĊE tagħti lill-membri tal-Bord Eżekuttiv tiegħu l-libertà li jiddeċiedu, b'mod responsabbli u abbażi tar-rispett għall-obbligu ta' rendikont xieraq, jekk jiddux sehem fil-fora, inklużi dawk mhux miftuħa għall-pubbliku, meta jqisu li dan ikun meħtieġ biex jiġi żgurat l-aħjar twettiq tal-politika monetarja tal-BĊE; jinnota l-opinjoni tal-Ombudsman tal-5 ta' Lulju 2018;

Emenda

7. Itenni li l-indipendenza tal-BĊE tagħti lill-membri tal-Bord Eżekuttiv tiegħu l-libertà li jiddeċiedu, b'mod responsabbli u abbażi tar-rispett għall-obbligu ta' rendikont xieraq, jekk jiddux sehem fil-fora, inklużi dawk mhux miftuħa għall-pubbliku, meta jqisu li dan ikun meħtieġ biex jiġi żgurat l-aħjar twettiq tal-politika monetarja tal-BĊE; jinnota l-opinjoni tal-Ombudsman tal-5 ta' Lulju 2018 ***li sabet li s-sħubija tal-President tal-BĊE fil-"Grupp tat-Tletin" (G30) ammontat għal amministrazzjoni ħażina mill-BĊE; jiddispijaċih li l-BĊE naqas milli jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman; jistieden lill-BĊE jtemm is-sħubija tal-President fil-G30, jeżamina mill-ġdid ir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman u jirrevedi bir-reqqa l-politiki interni tiegħu sabiex jiproteġi lill-nnifsu mill-kunflitti ta' interess;***

Or. en

Emenda 5

Matt Carthy, Lynn Boylan, Martina Anderson, Liadh Ní Riada, Jiří Maštálka, Kateřina Konečná, Sofia Sakorafa, Merja Kyllönen, Barbara Spinelli, Miguel Viegas, Patrick Le Hyaric, Paloma López Bermejo, Marisa Matias
f'isem il-Grupp GUE/NGL

Rapport

A8-0424/2018

Gabriel Mato

Rapport Annwali 2017 tal-Bank Ċentrali Ewropew
(2018/2101(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

22. Jenfasizza b'mod partikolari li miżuri *twal* ta' politika mhux standard *jista' jkollhom effetti negattivi distributtivi*; jistieden għalhekk lill-BĊE jinkludi fir-rapport annwali tiegħu li jmiss analiżi komprensiva u ddettaljata tal-effetti sekondarji tal-miżuri tal-politika monetarja tiegħu, inklużi r-riskji potenzjali għas-settur tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni;

22. Jenfasizza b'mod partikolari li miżuri *fit-tul* ta' politika mhux standard *kellhom effett distributtiv negattiv notevoli, u rriżultaw f'żieda sinifikanti fl-inugwaljanza fil-ġid*; jistieden għalhekk lill-BĊE jinkludi fir-rapport annwali tiegħu li jmiss analiżi komprensiva u ddettaljata tal-effetti sekondarji tal-miżuri tal-politika monetarja tiegħu, inklużi r-riskji potenzjali għas-settur tal-assigurazzjoni u tal-pensjoni;

Or. en

9.1.2019

A8-0424/6

Emenda 6

Matt Carthy, Lynn Boylan, Martina Anderson, Liadh Ní Riada, Sofia Sakorafa, Merja Kyllönen, Barbara Spinelli, Patrick Le Hyaric, Paloma López Bermejo, Marisa Matias
f'isem il-Grupp GUE/NGL
Philippe Lamberts
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport

A8-0424/2018

Gabriel Mato

Rapport Annwali 2017 tal-Bank Ċentrali Ewropew
(2018/2101(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

24a. Jistieden lill-BĊE jagħti prijorità lix-xiri ta' bonds marbuta ma' investimenti strateġiċi fit-tul li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, u jistieden ukoll lill-BĊE jiżviluppa b'mod immedjat kriterji trasparenti u standardizzati għall-għażla tal-benefiċjarji għall-programm li jinkorporaw bis-sħiħ fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza, u b'hekk jiġu eliminati s-setturi u d-ditti b'użu intensiv ta' karbonju;

Or. en

Emenda 7

Matt Carthy, Lynn Boylan, Martina Anderson, Liadh Ní Riada, Sofia Sakorafa, Merja Kyllönen, Barbara Spinelli, Patrick Le Hyaric, Paloma López Bermejo, Marisa Matias
f'isem il-Grupp GUE/NGL **Philippe Lamberts**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport**A8-0424/2018****Gabriel Mato**

Rapport Annwali 2017 tal-Bank Ċentrali Ewropew
(2018/2101(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

25. Ifakkar li l-BĊE bħala istituzzjoni tal-UE huwa marbut mill-Ftehim ta' Pariġi; jistieden lill-BĊE, b'rispett sħiħ għall-mandat tiegħu, l-indipendenza tiegħu u l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju, biex jintegra l-impenn għall-ftehim ta' Pariġi u l-prinċipji ekonomiċi, soċjali u ta' governanza (il-prinċipji ESG) fil-politiki tiegħu;

25. Ifakkar li l-BĊE bħala istituzzjoni tal-UE huwa marbut mill-Ftehim ta' Pariġi; jistieden lill-BĊE, b'rispett sħiħ għall-mandat tiegħu, l-indipendenza tiegħu u l-qafas tal-ġestjoni tar-riskju, biex jintegra l-impenn għall-ftehim ta' Pariġi u l-prinċipji ekonomiċi, soċjali u ta' governanza (il-prinċipji ESG) fil-politiki tiegħu – ***inkluż fil-kuntest tal-istrateġija ta' investment mill-ġdid tal-programmi ta' xiri ta' assi (APP) – billi jeliminaw gradwalment il-parteċipazzjonijiet tiegħu tal-assi b'użu mill-aktar għoli ta' karbonju, bħal bonds maħruġa minn kumpaniji, titoli ggarantiti b'assi u bonds koperti; jissuġġerixxi li l-impenn tal-Ftehim ta' Pariġi tal-BĊE għandu jibda bl-implimentazzjoni sħiħa tal-iżvelar obbligatorju tat-TCFD għall-assi kollha miżmuma mill-istituzzjonijiet finanzjarji fiż-żona tal-euro, kif ukoll bl-inkorporazzjoni ta' dan il-kriterju fil-qafas ta' eliġibbiltà tal-kollateral tal-BĊE u l-kunsiderazzjoni tiegħu mill-istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu;***

Or. en

